MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2011

Numru. 384/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Anthony Portelli**
**Spettur Robert Vella]**

**vs**

**Warren Busuttil**
**Casey Dean Galea**

**Kumpilazzjoni Numru: 384/2011**

**Illum, 16 ta' Mejju, 2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra

**Warren Busuttil** ta' 19 il-sena, bin Anthony u Josephine Gabriel nee' Mizzi, imwieled Pieta' nhar it-30 ta' Gunju,

1991 u residenti fil-fond Blokk F, Flat 9, Triq il-Jum, Marsa u detentur tal-karta ta’ identita b’numru 334091(M); u

**Casey Dean Galea**, ta’ 18 il-sena, bin Mario u Janet Portelli nee’ Briffa, imwieled Pieta’, nhar it-12 ta’ Ottubru, 1992 u residenti fil-fond numru 75, “Sunrise”, Triq il-Karmnu, Tarxien u detentur tal-karta tal-identita bin-numru bin-numru 528092(M).

Akkuzati talli flimkien ma persuna ohra, gewwa Santa Venera nhar l-25 ta’ Awissu, 2010 f’xi hin bejn it-08:30 u 09:30 ta’ filghaxija, ikkomettew serq ta’ flus u pakketti ta’ sigaretti minn gewwa makna tas-sigaretti li kienet gewwa l-klabb tal-hamiem li jinsab fi Triq il-Lunzjata, Santa Venera, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jeccedi 232.94 Euro izda li ma jeccediex 2, 329.37 Euro, u dan sar ghad-detriment ta’ Brian Micallef u/jew persuni ohra;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara teccedi 116.47 Euro u dan ghad-detriment ta’ Brian Micallef u/jew persuni ohra.

Rat l-artikoli 261(b)(c)(f), 263, 270 u 351(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u li kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni taghhom mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali taghhom li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(f), 263, 270 u 351(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggihom taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tmintax il-xahar bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment, inkluz dak li kull wiehed minnhom ihallas is-somma ta' €381.80 lill-parte civile liema hlas ghandu jsir fi zmien tlett xhur.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur ta'l-Ufficcju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------